**7 ta' Settembru, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President:**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E.,K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Kent et. ne.

*versus*

Vincent Pulè et.

**Regatta Nazzjonali — Dgħajsa tat-Tiġrija — Kumitat.**

*Jekk kumitat, imwaqqaf biex jorganizza u jiddiriġi l-attività tad-distrett tiegħu fir-Regatta Nazzjonali, jagħti kummissjoni lill-imgħallem biex jibni dgħajsa għat-tiġrija, li għandha titħallas mill-kontribuzzjonijiet tal-publiku, u in segwitu jiddimetti u ma jirtirax minn għand l-imgħallem dik id-dgħajsa, ma jistax kumitat ieħor li jifforma ruħu wara, jeżiġi li l-imgħallem jikkonsenjalu dik id-dgħajsa, jekk ma jippruvax illi huwa s-suċċessur leġittimu u esklużiv tal-kumitat oriġinarju.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, premess li l-Organizzazzjoni u l-Kumitat rappreżentati mill-instanti huma proprjetarji tad-dgħajsa ("Fancy Boat") S.5501 u tliet imqadef...... talbu li l-konvenuti, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġu minn din il-Qorti kundannati jikkonsenjaw, fi żmien qasir u perentorju, id-dgħajjes u l-imqadef imsemmija f'idejn l-instanti nomine; bl-ispejjeż......;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Anthony Busuttil, li oppona li l-ġudizzju mhux integru......;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Vincent Pulè, li oppona (1) l-ewwel l-inkompetenza ta' dik il-Qorti......; (2) illi, mingħajr preġudizzju ta' din l-eċċezzjoni, l-esponenti mhuwiex tenut jikkonsenja l-imbarkazzjoni "de qua" lill-atturi, għaliex huwa kien ikkuntratta

dan il-bejgħ bl-appalt mal-Assoċjazzjoni oħra li l-lum tinsab maħlula; (3) li l-atturi ma għandhom ebda dritt jagħmlu din il-kawża, għaliex il-fondi li bihom ġiet mixtrija in parti l-imsemmija mbarkazzjoni ġew miġbura mill-publiku, u għalhekk f'ebda manjiera l-Kumitat odjern ma jista' jkun investit f'din l-azzjoni, ammenokkè l-atturi ma jridux jagħtuha l-aspett ta' azzjoni popolari, li hija riżervata fil-liġi tagħna għal każi speċifiċi u eċċezzjonali; (4) illi l-atturi jridu jippruvaw li għandhom il-prerogattiva li jagħmlu użu mill-imsemmija mbarkazzjoni a preferenza ta' assoċjazzjonijiet oħra analogi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-31 ta' Awissu 1959, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-inkompetenza mogħtija......;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Settembru 1959, li biha ġiet revokata l-imsemmija sentenza...... u l-atti ġew rinvijati lil dik il-Qorti;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tal-1 ta' Settembru 1959, li bih fuq talba ta' Anthony Busuttil, mhux opposta mill-atturi, ġew imsejħa fil-kawża Giuseppe Gauci, bħala president, Joseph Mallan bħala segretarju...... u Vincent Pulè bħala membri tal-Kumitat "8th September Regatta";

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-imsejħa fil-kawża, li opponew illi t-talba tal-atturi hija nsostenibbli, għaliex l-esponenti huma l-uniċi titolari tal-imbarkazzjoni in kwistjoni; u illi t-talba għall-validità tad-depożitu mhix sostenibbli, għax id-depożitu relattiv jirrigwarda imbarkazzjoni oħra, u mhux dik in kwistjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Settembru 1959, li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-konvenut Anthony Busuttil, u ċaħdet it-talba tal-attur; bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Irriżulta li għat-tiġrijiet tad-dgħajjes li jsiru fl-okkażjoni tal-Festa Nazzjonali tat-8 ta' Settembru, kien jittwaqqaf il-Kalkara kumitat minn sena għall-oħra, fuq

inizjattiva ta' min kien jieħu nteress jorganizza l-parteċipazzjoni ta' dak id-distrett għat-tiġrijiet;

Kienu joħorġu ċirkularijiet li jintbagħtu fil-każini u fil-ħwienet, biex min jinteressa ruħu jattendi għall-laqgħa ġenerali. F'din il-laqgħa kien jiġi maħtur il-Kumitat, u hekk kien ġie magħmul il-Kumitat magħruf "Kumitat tar-Regatta Nazzjonali tat-8 ta' Settembru";

Peress li l-Kalkara kienet tieħu parti fir-Regatta b'dgħajjes privati, ġie deċiż li jinġabru l-kontribuzzjonijiet minn nies tad-distrett biex jinxtraw dgħajjes għal dik l-okkażjoni, u b'hekk ġara li ġew ordnati lill-konvenut Vincent Pulè, li jaħdem id-dgħajjes, iż-żewġ imbarkazzjonijiet imsemmija fil-kawża, u magħhom, almenu, żewġ imqadef. L-ordinazzjoni saret f'isem il-Kumitat fuq imsemmi, kif kien jaf l-istess konvenut, u mill-kontribuzzjonijiet tħallset id-dgħajsa "Fancy Boat" u tħallas anki akkont għad-dgħajsa "Passenger Boat", kif indikat fiċ-ċitazzjoni;

Id-dgħajsa "Fancy Boat" u tliet imqadef ġew imqegħha fil-kustodja tal-konvenut Busuttil mill-konvenut Pulè, bl-approvazzjoni tal-maġġuranza tal-membri tal-Kumitat fuq imsemmi, u d-dgħajsa l-oħra baqgħet għand l-istess Pulè;

Peress li kien hemm min kien tal-fehma li għal din is-sena ma jieħdux parti fit-tiġrijiet, f'seduta ġenerali tas-26 ta' Lulju 1959 ġiet maħtura kummissjoni biex tirrapporta, fi żmien ħmistax il-ġurnata, jekk jieħdux parti jew le; però, għalkemm kien ħareġ avviż għas-seduta ġenerali, wara ħareġ kontro-avviż u s-seduta ġenerali ma nżammetx, u b'hekk il-kummissjoni ma tatx ir-rapport tagħha;

*In segwitu, billi l-maġġur parti tal-*membri *tal-kumitat* irriżenjaw, il-Kumitat "Regatta Nazzjonali 8 ta' Settembru" ma baqgħax jeżisti;

Allura l-attur Kent u oħrajn qassmu ċirkularijiet fil-każini u fil-ħwienet, fejn avżaw li l-għada, 18 ta' Awissu 1959, kellha ssir laqgħa ġenerali fil-Każin "San Giuseppe" l-Kalkara. Imħabba fi storbju, dak inhar ġara biss li l-

attur ġie maħtur "Chairman" tas-seduta, u s-seduta ġiet aġġornata għall-21 ta' Awissu 1959. Kien hemm preżenti mal-130 persuna, meta s-soltu jkun hemm biss mat-13;

Fil-fatt, fil-21 ta' Awissu 1959 is-seduta saret, u l-atturi ġew maħtura biex jiffurmaw il-kumitat bil-kariga li jidhru fiha fiċ-ċitazzjoni. Kien hemm preżenti (fol. 70) mal-145 persuna, u ġie deċiż li għal din is-sena ma jippartecipawx għat-tiġrijiet; u ġie anki approvat statut (dok. fol. 26), fejn ingħad li "kull membru jew membri li jagħtu xi ħaġa, ta' liema natura hi, din issir immedjatament ta' proprjetà tal-Organizzazzjoni. L-opri, li huma proprjetà tal-Organizzazzjoni, jiġu reġistrati f'isem il-Kumitat";

Għal din is-seduta kien ġie mitlub permess mill-Pulizija li tinżamm taħt forma ta' "public meeting", u, skond ix-xhud Paul Xuereb (fol. 161), kienu ħadu parti fil-votazzjoni dak inhar anki persuni li ma kienux ikkontribwew għad-dgħajjes, u kienu ġew esklużi mis-seduta dawk il-persuni li ma kienux joqgħodu l-Kalkara, għalkemm kienu minn hemmhekk;

Ġara li fl-istess ġurnata tal-21 ta' Awissu 1959, u fl-istess ħin, ġiet organizzata laqgħa oħra ta' min kien interessat, f'post tal-konvenut Pulè. F'din is-seduta attendew mas-60 ruħ li kienu kkontribwew għad-dgħajjes (fol. 107). u ġie maħtur kumitat magħruf bħala "8th September Regatta Committee". Din is-sezzjoni hi tal-fehma li dis-sena tippartecipa fit-tiġrijiet;

Ġie prodott bħala xhud is-segretarju tal-Kumitat tal-Festa Nazzjonali imwaqqaf mill-Gvern; id-depożizzjoni tiegħu, però, hija irrilevanti għall-kwistjonijiet ġuridiċi nvoluti fil-kawża;

Ikkunsidrat;

L-atturi qegħdin jitolbu l-kundanna tal-konvenuti għall-konsenja lilhom, fil-kwalità tagħhom indikata fiċ-ċitazzjoni, tad-dgħajjes u mqadef fil-kwistjoni, wara d-dikjarazzjoni, jekk hemm bżonn, li l-Kumitat rappreżentat minnhom huwa leġittimament kostitwit u jirrappreżenta

eskluživament l-*Organizzazzjoni* tar-Regatta Nazzjonali fil-Kalkara, u li l-istess Organizzazzjoni hija proprjetarja tad-dgħajjes u mqadef imsemmija fiċ-ċitazzjoni;

Hekk l-atturi qegħdin jippretendu li d-dgħajjes u mqadef għandhom jiġu konsenjati lilhom, bħala rappreżentanti tal-Organizzazzjoni li jagħmlu parti minnha bħala korp direttiv, in kwantu din l-*Organizzazzjoni hija* "proprjetarja" tad-dgħajjes in kwistjoni;

Darba li din hi *l-pretensjoni* tal-atturi, il-leġittimi kontradittu*ri huma* l-konvenuti *Vincent Pulè* u *Anthony* Busuttil, li għandhom in kustodja d-dgħajjes, u mhux, kif sostna l-konvenut Pulè fl-eċċezzjonijiet tiegħu, anki l-Assoċjazzjoni jew Kumitat li ddepożitaw għandu l-"Fancy Boats", li ma għadux jeżisti bħala korp għax spiċċa birriżenja ta' sebgħa minn disgħa membri li kienu jikkomponuh, kif inhu paċifiku bejn il-kontendenti;

Għalhekk l-eċċezzjoni f'dan ir-rigward hija nsostenibbli u hi miċħuda; bl-ispejjeż *kontra* l-konvenut Anthony Busuttil;

Ikkunsidrat;

Fin-nuqqas ta' leġislazzjoni li tirregola dawk l-attivitajiet ta' assoċjazzjonijiet u kumitati li ma jkollhomx personalità ġuridika, u lanqas ma jkunu jiffurmaw soċjetà fis-sens tal-liġi, billi l-iskop tagħhom ma jkunx il-partizzjoni tal-lukru, imma jkun ta' dilett, jew beneficenza, jew ħaġ'oħra ta' din l-indoli, il-*kwistjoni preżenti* dwar il-proprjetà tad-dgħajjes għandha tiġi dixxiplinata bir-regoli tal-komunjoni u tal-mandat;

Skond l-art. 526(2) tal-Kodiċi Ċivili, l-istat tal-komunjoni tal-proprjetà hu suġġett għar-regoli stabbiliti fissubtitolu relattiv, meta ma jkunx hemm ftehim jew dispożizzjonijiet speċjali għal ċerti komunjoni partikulari;

Id-dottrina tikkwalifika l-proprjetà ta' dawk l-assoċjazzjonijiet li ma għandhomx personalità ġuridika bħala "comunione sui generis", fejn il-beni jappartjenu lill-asso-

ċjati. "I beni dell'associazione, mancando a questa la personalità giuridica, appartengono agli associati. E' una comunione sui generis, alla quale la dottrina, prima ancora delle norme dettate dal codice, aveva riconosciuto il carattere della indivisibilità fino allo scioglimento dell'associazione, ammettendo inoltre che le quote degli associati mancanti si accrescono a quelli rimasti" (Casati e Russo, Dto. Civ. It., ediz. 1947, paġ. 82);

U Laurent (Vol. XXVI, paġ. 142) jirriferixxi hekk għal sentenza tal-Qorti ta' Bruxelles, 1871:— "E' stato giudicato, in conformità dei veri principi, che i membri di una società di diletto sono comproprietari degli oggetti comuni, nella specie strumenti e quaderni di musica, e che potevano rivendicarli, in questa qualità, contro i possessori precari degli oggetti";

Anki fin-nuqqas ta' leġislazzjoni "ad hoc", l-obbjezzjonijiet sottomessi mill-atturi kontra din il-forma ta' komunjoni jsibu s-soluzzjoni tagħhom skond il-prinċipji talliġi u fid-dottrina (v. Ricci, Vol. IX). Inoltre, l-inkonvenjenzi li fil-ħajja prattika jistgħu jirriżultaw minn sitwazzjoni ġuridika ma jħassrux l-essenza vera tagħha;

F'dan il-każ, dawk kollha li kkontribwew għall-akkwist tad-dgħajjes huma in komunjoni proprjetarji tagħhom. Irriżulta li kull min ikkontribwixxa kien jaf li kien qed jagħmel hekk biex jiġu akkwistati d-dgħajjes, u għalkemm kien ġie mwaqqaf kumitat biex jiġbor il-kontribuzzjonijiet għax-xiri tad-dgħajjes, u għalkemm il-membri tal-istess kumitat setgħu jitbiddlu minn sena għall-oħra, meta d-dgħajjes jinxtraw, skond ma kellha sservi l-kontribuzzjoni, l-istess dgħajjes saru in komune tal-kontributuri, u lilhom jispetta kull dritt fuqhom, u fil-każ li huma kellhom jiddeċiedu li jinbiegħu, ir-rikavat huwa tagħhom;

**Ikkunsidrat;**

Peress illi, kif il-kontributuri kienu jafu meta taw l-obolu tagħhom, id-dgħajjes kellhom iservu għat-tiġrijiet tal-Festa Nazzjonali, l-iskop li għalieh ġie kreat konvenzjonalment dak l-istat ta' komunjoni, kien dak preċiż ta'

din il-parteċipazzjoni fit-tiġrijiet. Għalhekk, sew l-Organizzazzjoni, jew Kumitat li ġabar il-kontribuzzjonijiet u wara ordna d-dgħajjes, sew kull suċċessuri ta' dak il-kumitat, *kellhom l-obbligu*, sakemm l-istess oblaturi bħala komproprjetarji ma jiddeċidux xort'oħra, li, bħala mandatari taċiti jew *espressi tal-istess* komproprjetarji, u hekk amministraturi tal-proprjetà, li jġibu l-quddiem l-iskop li għalieh saru l-kontribuzzjonijiet u nxtraw id-dgħajjes;

F'dan il-każ, l-atturi jippretendu li l-*Organizzazzjoni tagħhom* hija l-proprjetarja tad-dgħajjes. Dan jista' jkun veru biss jekk din l-Organizzazzjoni ġiet imwaqqfa mill-istess *komproprjetarji;*

L-atturi jippretendu li huma laqqgħu s-seduta ġenerali bl-istess proċedura tal-avviżi fil-każini u fil-ħwienet, kif kien isir qabel;

Irriżulta, però, illi fis-seduta, meta ġie magħżul il-kumitat li l-atturi jagħmlu parti minnu, mhux biss ma pparteċipawx dawk kollha li kienu kkontribwew għad-dgħajjes, *imma* fl-istess seduta, taħt *forma* ta' "public meeting", attendew u vvutaw anki persuni li ma kienux ikkontribwew;

Barra minn dan, kien f'dik *is-seduta* li għadda l-istatut fuq riferit, u li ġiet mitluba u ottenuta s-sospensjoni tar-regolamenti biex din is-sena ma tittieħedx parti fit-tiġrijiet nazzjonali (fol. 71). U dan kollu mingħajr ma kien jidher fl-Aġenda maħruġa ġurnata qabel biss b'*avviż imqassam fil-każini* u fil-ħwienet (v. Aġenda fol. 69), u hekk mingħajr pre-avviż lill-interessati, tant fuq l-istatut *bil-klawsola fuq imsemmija* dwar il-proprjetà tad-dgħajjes, u tant fuq il-mozzjoni li din is-sena ma tittieħedx parti fit-tiġrijiet;

L-argument tal-atturi li min ried seta' attenda għas-seduta li ġiet imsejħa bil-proċedura solita għal dawn il-laqgħat, ma għandux konsistenza; għax meta nżammet is-seduta d-dgħajjes kienu diġà mixtrija biex iservu għall-iskop tagħhom, u b'hekk kienu diġà in komune tal-kontributuri; u *dawn il-kontributuri* ma ġewx avżati fl-aġenda li

kien ser ikun hemm mozzjoni għall-istatut li jiddefinixxi ta' min kellha tkun il-proprjetà tad-dgħajjes, u mozzjoni oħra kuntrarja għall-iskop li għalieh inxtraw id-dgħajjes. Barra minn dan, kif diġà ntqal, f'dik is-seduta, taħt l-aspett ta' "public meeting", seta' daħal min ried, sakemm ma ġiex prevenut, u fil-fatt ħadu parti fil-votazzjoni anki persuni li ma kienux ikkontribwew. Irriżulta (fol. 108) li fil-laqgħa, li fl-istess ġurnata u ħin kienet qegħdha ssir fil-post tal-konvenut Pulè, kien hemm mas-60 jew 70 ruħ, li kienu kollha kkontribwew għall-akkwist tad-dgħajjes;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, kif jistgħu l-atturi jirreklamaw li l-Organizzazzjoni, jew il-Kumitat minnhom rappreżentat, hija l-proprjetarja tad-dgħajjes, u, viġenti d-deċiżjoni li dis-sena d-dgħajjes ma jippartecipawx fit-tiġrijiet nazzjonali, meħuda b'sospensjoni tar-regolamenti għax ma kienetx fl-aġenda, kif jistgħu l-atturi jirreklamaw il-pussess ta' dawn id-dgħajjes, li nxtraw biex iservu għal dak l-iskop preċiż li, qabel ma jiġi mibdul mill-kontribwenti proprjetarji, għandu jibqa' jseħħ? L-istat ta' komunjoni konvenzjonali fid-dgħajjes in kwistjoni jikkostitwixxi kuntratt bejn kull min ikkontribwixxa, u hekk hu parti fil-konvenzjoni dwar l-iskop tad-dgħajjes, u kull amministratur tal-ħaġa komuni, sew bħala mandatarju, espressament magħżul jew taċitament magħżul, ma jistax imur kontra dik il-konvenzjoni li tifforma liġi bejn min għamilha;

Għandu jiġi anki rilevat illi meta l-mandatarju, wara li jkun assuma mandat, jirrinunzja għall-inkarigu, il-mandat jispiċċa, u jispetta mbgħad lill-mandant li jagħżel hu, fuq bażi ta' fiduċja personali, is-sostitut;

Rat in-nota tal-appell tal-atturi, u l-petizzjoni tagħhom, li biha talbu illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi konfermata fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-konvenut Busuttil, u tiġi revokata fejn ċaħdet it-talbiet tal-atturi, billi dawk it-talbiet jiġu akkolti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

Rat ir-risposta tal-appellati kollha li qalu illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni, u kkunsidrat;

*L-assunt tal-atturi huwa interament bażat fuq il-pre*-suppost li l-atturi jiffurmaw korp leġittimu li hu s-suċċessur leġittimu u esklużiv tal-kumitat oriġinarju li kkommissjona l-kostruzzjoni tad-dgħajjes;

Dan l-assunt ma hux sostanzjat mill-provi, u għalhekk it-talba ma tistax tiġi milqugħa;

Għal din ir-raġuni, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.